MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 939/1993/2

**Direttur Generali tax-Xogholijiet Pubblici**

**v.**

**Charles Azzopardi**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

Permezz ta' citazzjoni pprezentata mill-attur fis-7 ta' Lulju, 1993, huwa ppremetta :

Illi f'Dicembru tal-1989, l-attur ta appalt lill-konvenut konsistenti f'xoghol ta' "*waterproofing"* fil-fond Flat 12, Block H, Tigne`, Sliema b'kondizzjonijiet espressi ta' kif kellu jsir dak ix-xoghol u b'garanzija ghal ghaxar snin fuq l-effikacja ta' dak ix-xoghol (Dok. A);

Illi wara li tlesta x-xoghol mill-konvenut irrizulta li l-istess ma kienx sar skond is-sengha u l-arti peress li l-ilma tax-xita baqa' inixxi fil-fond in kwistjoni;

Illi qabel ma' l-attur intebah b'dan ix-xoghol difettuz, il-konvenut nomine kien gia' thallas fl-intier tax-xoghol li kien ghamel, u dan fl-ammont ta' elf, hames mija u seba' Liri Maltin (LM1507);

Illi minkejja li gie interpellat diversi drabi, u anke ufficjalment (Dok 'B'), biex jirrimedja ghax-xoghol hazin li kien sar, u, fin-nuqqas, biex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni tad-danni, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi l-attur, fic-cirkostanzi, kellu jirrikorri biex huwa stess jeffettwa x-xoghol necessarju rimedjali;

Ghalhekk l-attur talab lill-allura Qorti tal-Kummerc sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi x-xoghol ta' "*waterproofing"* fil-fond Flat 12, Block H, Tigne`, Sliema ma sarx skond il-kundizzjonijiet espressi annessi mal-kuntratt tal-5 ta' Dicembru, 1989 u, di piu, ma sarx skond is-sengha u l-arti, mill-konvenut;

2. Tillikwida d-danni, occorrendo permezz ta' periti nominandi, sofferti mill-attur bhala konsegwenza;

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas s-somma hekk likwidata lill-attur in linea ta' danni.
Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fit-22 ta' Ottubru 1993, il-konvenut ecepixxa:-

1. Preliminarjament, illi l-konvenut nomine mhux il-legittimu kontradittur billi l-ftehim ta' appalt u x-xoghol ma

sarx mal u mill-kumpanija konvenuta kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk il-konvenut nomine ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur;[1]

2. Illi, bla pregudizzju ghall-premess, u f'kull kaz, il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi x-xoghol ezegwit sar skond l-arti u s-sengha u l-hsara li zviluppat ma sehhetx b'xi tort tal-konvenut proprio jew nomine kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u b'dan il-konvenut kien informa lill-attur in risposta ghall-ittra ufficjali tal-attur;

3. Ili x-xoghol ta' "*waterproofing*" sar skond il-kondizzjonijiet kollha tal-appalt u, kif inghad sar skond l-arti u s-sengha, u l-konvenut m'ghandu la jbati u lanqas jigi kkundannat ihallas ebda danni.

**Is-sentenza appellata**

Permezz ta' sentenza moghtija fit-3 ta' Lulju 2003, il-Prim Awla kkonkludiet li x-xoghol imwettaq mill-appellant ma sarx skond is-sengha u l-arti in kwantu l-appaltatur wettaq l-appalt meta kien jaf li x-xoghol mhux ser ikun efficjenti, u ghamel xoghol hazin meta pogga l-waterproofing *membrane* fuq art imxarrba. Il-Qorti llikwidat id-danni fis-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm520.80). L–ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi f'din il-kawza jirrizulta li d-Dipartiment attur hareg sejha ghall-offerti ghall-ghoti ta' *waterproofing membrane* fuq is-soqfa ta' diversi akkomodazzjonijiet f'Tigne`, u l-kuntratt inghata lill-konvenut. Dan obbliga ruhu li jaghmel xoghol fi zmien determinat u versu korrispettiv miftiehem, u accetta wkoll li jiggrantixxi x-xoghol tieghu ghal zmien ghaxar (10) snin, basta, fost kondizzjonijiet ohra, li "*at least one course under the roof level upwards is to be cement filled from the inside and the outside of the* 'opramorta' *or any*

[1] Originarjament gie mharrek "Charles Azzopardi ghan-nom u in rappresentanza ta' Azzopardi Waterproofing Limited". B'digriet tas-7 ta' Marzu 1994 giet effetwata l-korrezzjoni mehtiega b'mod li din l-eccezzjoni giet sorvolata.

*other surroundings.”* Dan ix-xoghol ta’ tikhil kellu jsir min-nies mqabbda mill-Gvern, fil-waqt li xoghol il-konvenut kien biss li jpoggi l-*membrane* fuq is-saqaf. Gara li l-haddiema tal-Gvern imlew il-fili min-naha ta’ gewwa biss, izda l-konvenut xorta wahda pogga l-*membrane* u lesta x-xoghol fiz-zmien pattwit. Ufficjal tal-Gvern, meta ra x-xoghol, iccertifika li “kien jidher tajjeb”, u awtorizza l-hlas. Dan ix-xoghol sar fl-1989.

“Fl-1992, l-inkwilin tal-appartament tal-Gvern irrapporta li l-*waterproofing membrane* kien qed jinqala’. Ufficjali u l-perit tal-Gvern marru jispezzjonaw il-fond u sabu li, fil-fatt, il-*membrane* kien qed jinqala’, u kien qisu tapit impoggi fl-art u mhux imwahhal. Il-konvenut gie mitlub jirrimedja ghad-difett, izda dan, wara li spezzjona x-xoghol, irrifjuta li jaghmel tajjeb ghal dak li gara peress li allega li dak li gara ma kienx tort tieghu. Hu allega li l-*membrane* inqala’ peress li l-fili ma kienux imkahhla sew, b’mod li, meta fil-granet qabel ma nqalghet il-*membrane,* kien rih qawwi, ir-rih dahal mil-fili u qala’ u gholla l-istess *membrane.*

“Il-perit tekniku, fir-rapport li huwa hejja, qal li t-tort ta’ dak li gara ghandu jigi sopportat fi grad ugwali bejn il-partijiet. Tefa’ parti mir-responsabbilita` fuq id-Dipartiment attur ghax irrizulta li, bhala fatt, il-fili ma gewx imkahhla kif rikjest fil-garanzija moghtija mill-konvenut, bir-rizultat li r-rih, ghalkemm irrizulta li fil-granet in kwistjoni ma kienx qed jahkem mill-faccata tal-fili miftuha, seta’ ikkontribwixxa ghall-qlugh tal-*waterproofing membrane*. Min-naha l-ohra, il-konvenut ghandu jerfa’ r-responsabbilita` tieghu peress li rrizulta li hu m’ghamilx ix-xoghol sew ghax pogga l-*membrane* meta l-art tas-saqaf kien ghadu mxarrab, kontra kull dettam tas-sengha.

“Din il-Qorti, bir-rispett kollu, lejn l-abbli perit tekniku, ma tikkondividix din il-konkluzzjoni. Kif ikkonferma l-istess perit tekniku meta xehed in esekussjoni, il-kawza prossima u immedjata tal-incident ma kienx il-fatt li l-fili ma kienux gew imkahhla miz-zewg nahat, ghax anke kieku dan sar, “il-*membrane* seta’ jinqala’ minn ma’ wicc il-bejt, ghaliex rih qawwi jista’ jikkrea bhal ‘*vacuum’* li jikkaguna `*uplift’* ta’ arja li tista’ tiddistakka l-*membrane* minn ma’

wicc il-bejt". Ghalhekk, il-kawza prossima tal-incident kien in-nuqqas tal-konvenut li jwahhal kif suppost il-*membrane* mal-wicc tal-bejt.

"Jirrizulta wkoll li r-rih il-qawwi, dak li jahbat mill-majjistral, ma kienx jahbat direttament ghal fejn twahhal u nqala' l-*waterproofing membrane*, u f'bini iehor, li wkoll giet trattat mill-konvenut, fejn il-fili wkoll thallew in parte miftuha u, f'xi bnadi kienu anke jharsu fid-direzzjoni tal-majjistral, il-*membrane* ma nqalghetx, ovvajment ghax hemmhekk ix-xoghol ta' '*bonding'* sar sewwa. Il-perit tekniku ma setax jeskludi li r-rih mill-punent seta' ikkontribwixxa ghall-qlugh tal-*membrane,* pero', din il-Qorti ma thossx li dan il-fattur kellu xi effett preponderanti fuq l-incident, u, f'kull kaz, ma jnaqqasx mill-obbligu tal-kuntrattur li jaghmel ix-xoghol li jidhol ghalih skond l-arti u s-sengha.

"Dan qed jinghad fil-kuntest tal-argument tal-konvenut li ma kienx xogholu li jkahhal il-fili, izda hu kellu biss jpoggi l-*waterproofing membrane* fuq l-art tas-saqaf in kwistjoni. Dan hu minnu, pero`, appaltatur m'ghandu qatt jippresta x-xoghol tieghu jekk jaf li r-rizultat, ghal xi raguni jew ohra, mhux se jkun sodisfacenti.

"Jekk is-sodda li fuqha l-appaltatur se jaghmel xoghlu mhux sodisfacenti ghalih, ghandu jirrifjuta li jaghmel ix-xoghol qabel ma dik is-sodda ssir tajba u idonea ghal xogholu; jekk il-kommittnet jibqa' ma jirrangax dik is-sodda, l-appaltatur ghandu jirrifjuta li jippresta xoghlu, anke jekk il-kommittent jinsisti mieghu li jista' jahdem. L-appaltatur la jista' jwahhal fl-ghodda tieghu u lanqas ma jista' jwahhal f'xi haga hazina li saret minn xi hadd iehor, meta hu kien jaf jew kellu jkun jaf b'dak id-difett, izda xorta jibqa' ghaddej u jaghmel il-parti tieghu fuq ix-xoghol il-hazin. L-appaltatur ghandu, f'kull cirkustanza, jesegwixxi l-inkarigu lilu moghti skond l-arti u s-sengha, u jekk jaf li r-rizultat ahhari, ghal xi raguni hi x'inhi, mhux se tkun sodisfacenti, ghandu jirrifjuta li jaghmel ix-xoghol, u jekk jaghmlu jkun responsabbli ghad-danni (ara "Galea vs Gatt", deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Marzu, 1994).

"Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Farrugia vs Portelli et", deciza fid-9 ta' Ottubru, 1987, "*l-appaltaturi ma jistghux jezoneraw ruhhom minn* responsabbilita` *ghax-xoghol li ghamlu kontra s-sengha fuq torba ghasra billi jghidu li dan ghamluh fuq ordni u/jew fuq insistenza tas-sid. L-appaltatur huwa dejjem responsabbli jippresta opra sodisfacjenti u obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent. Anke kieku s-sidien kienu jafu bit-tqeghid ta' madum fuq xahx imxarrab ghasra u riedu jiehdu r-riskju, l-istess appaltaturi jibqghu responsabbli ghax dover taghhom li jipprestaw opra sodisfacenti u jirrezistu kwalunkwe intromissjoni ta' min jinkarikahom*" (ara wkoll, fl-istess vena, id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Jannar, 1992, fil-kawza "Galea vs Chircop", u dik moghtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Marzu, 1994, fil-kawza "Bonnici vs Abdilla").

"Hekk ukoll, l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Camilleri Marble Works Ltd vs Bowd", deciza fl-20 ta' Jannar, 2003, qalet li kuntrattur ghandu jirrezisti kull indhil fix-xoghol tieghu li jwasslu ghall-bini ma jkunx skond l-arti u s-sengha.

"L-appaltatur huwa obbligat li jikkonsenja xoghol skond is-sengha tieghu u tajjeb ghall-uzu li hu previst. Hu responsabbli ghar-rizultat li jaghti u hu ghandu obbligu jara li r-rizultat ikun sodisfacjenti ghall-kommittent. Darba, kif jirrizulta, li hu kien jaf li t-tikhil li sar minn haddiema tal-Gvern ma sarx sew, ma kellux jipprocedi bix-xoghol, izda kellu jigbed l-attenzjoni tal-kommittent ghal dan id-difett, u ma jipprestax xogholu qabel ma x-xoghol ta' tikhil isir sewwa.

"Hu veru li d-Dipartiment attur naqas milli jesegwixxi x-xoghol li kien rikjest minnu taht il-garanzija offruta mill-konvenut, pero`, dan in-nuqqas jista', se mai, iwassal ghal fatt li dik il-garanzija ta' 10 snin ma kienetx topera, pero', xorta wahda jbqa' obbligu tal-konvenut li, a bazi tal-kuntratt, iwettaq xoghol sodisfacjenti. Fi kliem iehor, in-nuqqas tal-Gvern li jwettaq tikhil minn barra u minn gewwa, tista' twassal ghall-konsegwenza li l-garanzija li ta

l-konvenut ma tkunx effikaci, izda hu jibqalu l-obbligu kontrattwali li jippresta xoghol skond l-arti u s-sengha. Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza "Borda vs Arrigo Group of Hotels Ltd", deciza fil-15 ta' Jannar, 1999, ir-relazzjoni bejn is-sid u l-kuntrattur hija wahda kontrattwali, bil-preskrizzjoni ghad-danni tkun dik generali ta' hames snin, u b'obbligu tal-kuntrattur li jaghmel tajjeb ghad-danni jekk jirrizulta li hu ma wettaqx ix-xoghol li gie inkarigat jaghmel kif trid is-sengha ta' dak ix-xoghol partikolari.

"Ghar-rigward tal-fatt li x-xoghol li hu wettaq gie certifikat "tajjeb", issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Camilleri vs Cuschieri", deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, fejn gie osservat li "*l-appaltatur jibqa' responsabbli anke jekk jikkonsenja x-xoghol li jigi ezaminat u accettat, aktar u aktar meta d-difetti ma jkunux immedjatament apparenti (Vol.XXV.1.727; XXVII.1.373; XLII.1.517). Kwalsiasi approvazzjoni, ghalhekk, ma tistax isservi biex tezonera lill-appaltatur mir-*responsabbilita` *ghad-difetti. Mhux skuza li hu mhux tas-sengha f'xi parti tax-xoghol, ghax f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew jirrispondi ghad-difetti li jigru 'l quddiem".*

"Ghalhekk, mehud kont tal-fatt li l-appaltatur konvenut, mhux biss wettaq l-appalt meta kien jaf li r-rizultat ma kienx se jkun efficcjenti, izda wkoll ghamel ix-xoghol tieghu hazin, billi pogga l-*waterproofing membrane* fuq art imxarrba, ir-responsabbilita` ghall-akkadut ghandha tinxtehet kollha kemm hi fuq il-konvenut.

"Jirrizulta li wara li nqala' l-*membrane* li pogga l-konvenut, peress li l-konvenut ma riedx jirrimedja ghan-nuqqas, id-Dipartiment attur qabbad in-nies tieghu u ssostitwixxa l-*membrane* b'materjal iehor. Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti taqbel mal-mod kif dawn gew likwidati mill-perit tekniku. Il-Qorti taqbel mal-fatturi li l-perit tekniku ha in konsiderazzjoni, partikolarment li l-hsara kienet tinvolvi wkoll it-tnehhija tal-*membrane* li kien in parte maqlugh bir-rih, kif ukoll il-*haulage*, garr tieghu u spejjez incidentali. Dwar il-fatt li, ghax-xoghol ta' tiswija, in-nies tal-Gvern uzaw *membrane* li kien jiswa' aktar minn dak li kien uza l-konvenut kif maghruf mill-attur, il-perit tekniku

ha dan il-fattur in konsiderazzjoni, u ekwiparigga d-differenza fil-prezz involut max-xoghol tat-tnehhija tal-*membrane* li kien inqala' bir-rih, u l-o*verheads* relattivi. L-ammont ta' danni gew likwidati fl-ammont ta' Lm520.80,0 u, li fil-fehma tal-Qorti, l-kriterji li uza l-perit biex wassal ghal din is-somma huma gusti u ragjonevoli.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u ghoxrin Lira Maltin u tmenin centezmu (LM520.80,0) in linea ta' danni.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut."

**<u>L-appell</u>**

Fir-rikors ta' appell tieghu tat-23 ta' Lulju 2003, Azzopardi jikkontesta l-korrettezza tal-konkluzjoni milhuqa mill-Prim Awla. l-aggravji, imqassma f'seba' paragrafi, jistghu fir-realta` jigu sintetizzati f'aggravju wiehed, u cioe` li hu (l-appellant) ma kien b'ebda mod responsabbli ghal dak li gara u li l-kawza, u l-unika kawza, ghala nqalghet il-*membrane* kienet minhabba n-nuqqas ta' l-attur li jkahhal sew il-fili tal-opramorta fuq barra.

Tajjeb li wiehed jirrikapitola brevement il-fatti:

1. Id-Dipartiment hareg sejha ghall-offerti ghall-ghoti ta' *waterproofing membrane* fuq is-soqfa ta' residenzi f'Tigne.
2. Il-kuntratt inghata lill-appellant li obbliga ruhu li jaghmel ix-xoghol u ta garanzija ghal zmien ta' ghaxar (10) snin.
3. Wahda mill-kondizzjonijiet tal-ftehim kienet li *"at least one course under the roof level upwards is to be cement filled from the inside and the outside of the opramorta or any other surroundings"*.
4. Ix-xoghol ta' tikhil kellu jsir min-nies inkarigati mill-appellat.

5. Irrizulta li l-haddiema tal-Gvern imlew il-fili min-naha ta’ gewwa biss, filwaqt li l-appellant xorta pogga l-*membrane* u lesta x-xoghol fiz-zmien miftiehem.
6. Il-hlas sar wara li x-xoghol gie spezzjonat u ccertifikat tajjeb minn ufficjal tal-Gvern.
7. Fl-1992 wiehed mill-inkwilini ghamel rapport li l-*membrane* kien qieghed jinqala’. Saret spezzjoni u rrizulta li l-*membrane* ma kienx imwahhal u kien qisu tapit impoggi fuq l-art.
8. Ghalkemm l-appellant kien intalab biex jirrimedja ghad-difett, huwa rrifjuta in kwantu sostna li dak li kien gara ma kienx tort tieghu. Id-difiza tal-appellant kienet fis-sens li l-fili ta’ barra ma kienux gew imkahhla u li kien ir-rih li qala’ l-*membrane* minn postha. Skond l-appellant ir-rih dahal mill-fili u qala’ u gholla l-istess *membrane*.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

1. Il-perit tekniku nkarigat mill-Qorti[2] ta r-ragunijiet ghalfejn inqala’ l-*membrane*:-

- Il-fili miftuha minn naha ta’ barra ta’ l-opramorta u anki fili mhux imkahhla sew min-naha ta’ gewwa, ta lok ghall-possibilita’ li r-rih u x-xita setghu facilment idghajjfu l-aderenza tal-*membrane* minn taht.
- Il-wicc tal-bejt ma giex ippreparat sew ghal kollox mill-appellant. Il-*membrane* kellu jitqieghed fuq wicc imnaddaf u sod.

Il-perit tekniku kkonkluda li f’dawn ic-cirkostanzi r-responsabbilta` ghall-hsara kellha tinqasam f’sehem ugwali bejn il-partijiet.

2. L-ewwel Qorti ma qablitx mal-konkuzjoni tal-perit tekniku u akkollat ir-responsabbilta’ kollha fuq l-appellant, u dan peress li fil-fehma taghha l-kawza prossima ta’ l-incident kienet in-nuqqas min-naha ta’ l-appellant li jwahhal kif suppost il-*membrane* mal-wicc tal-bejt. Ghal wahda mid-domandi li sarulu in eskussjoni, il-perit tekniku wiegeb:-

*"Anke jekk fl-opramorta ma kien hemm ebda fil miftuh, il-membrane seta' inqala' minn ma' wicc il-bejt, jekk ma kienx gie mwahhal, jew bonded sew ma' wicc il-bejt, ghaliex rih qawwi jista' jikkrea bhal vacuum li jikkaguna uplift ta' arja li tista' tiddistakka l-membrane minn ma' wicc il-bejt"*[3].

3. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti ghamlet elenku korrett tal-principji li japplikaw f'kaz ta' appalt, u cjoe`:-

- L-appaltatur ghandu f'kull kaz jezegwixxi l-inkarigu moghti lilu skond is-sengha u l-arti. Ghandu l-obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti *"L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu"* (**Kollez Vol XL pI p485**).

- L-appaltatur ghandu jirrifjuta li jaghmel ix-xoghol fejn ikun jaf li r-rizultat ahhari, ghal kwalunkwe raguni, mhux ser ikun sodisfacenti. Fin-nuqqas ikun responsabbli ghad-danni: *"L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina"* (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll *"f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**"*, Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).

- Dan japplika avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-i*specifications* jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent: *"E` dovere dell'appaltatore di*

[3] Fol. 215.

*resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte"* (**Kollez Vol XXV pI p727**). Kif ahjar imfisser u spjegat: *"l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent"* (**Kollez. Vol XLII pII p1003**);

- Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (**Kollez. Vol XLI pII p892**);

4. Ghalkemm il-perit tekniku mahtur mill-Qorti wasal ghall-konkluzjoni li r-responsabbilta` kellha tinqasam bejn il-partijiet, l-ewwel Qorti kellha kull dritt li ma taqbilx ma' dik l-opinjoni. Huwa maghruf li fil-kaz ta' perizja gudizzjarja l-Qorti m'hijiex obbligata toqghod ghall-opinjoni tal-perit minnha stess adoperat kontra l-konvinzjoni taghha. Ghaldaqstant il-Qorti ghandha tara jekk hemmx elementi processwali li jiskwotu l-konkluzjoni tal-perizja gudizzjarja, u taghmel uzu mill-arbitriju prudenzjali taghha[4].

5. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u applikati l-principji fuq imsemmija, jidher ghalhekk li l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tikkonkludi li l-appellant kien responsabbli ghad-difetti. Min-naha ta' l-appellant kien hemm kolpa, in kwantu mill-provi rrizulta l-ezekuzzjoni hazina ta' l-obbligazzjoni li assuma. F'dan ir-rigward issir riferenza ghax-xhieda li nghatat mill-perit tekniku fis-seduta tal-1 ta' April 2003[5] fejn gie kkonfermat li l-kawza principali tal-hsara *"f'dan il-kaz kienet il-fatt li **l-membrane ma tpoggiex sew**"*. Tant hu hekk li kompla jghid li *"meta nqala' l-membrane kien hemm ritratti li juru li meta nqala', dan inqala bil-wicc tal-bejt b'kollox u dan juri u jkompli jikkonferma li meta tpogga l-membrane ma tpoggiex sew"*.

---

[4] Ara per ezempju sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) (Onor. Imhallef W. Harding) fil-kawza fl-ismijiet **George Attard vs Michael Galea** deciza fil-25 ta' Frar 1956 (Vol. XL.i.629).

[5] Fol. 231.

6. L-appellant, anke fir-rikors tal-appell tieghu, ghadu jsostni li r-raguni unika ghalfejn inqala' l-*membrane* kien li l-fili ta' barra tal-opramorta ma kienux tkahhlu. Dan m'huwiex minnu. Il-garanzija moghtija mill-appellant[6] tipprovdi li l-*membrane* huwa garantit kontra l-penetrazzjoni ta' l-ilma soggett ghal kondizzjoni li *"at least one course under the roof level upwards is to be cement filled from the inside and the outside of the opramorta or any other surroundings"*. Kien apparenti ghall-appaltant li l-fili fuq in-naha ta' barra kienu miftuha. Tant hu hekk li fis-seduta tas-7 ta' Jannar 1997[7] huwa xehed:- ***"Jiena ghidt lis-sur Portelli illi <u>qabel ma nibda x-xoghol</u> kien jinhtieg li jsir xi tikhiel ta' fili kemm minn gewwa kif ukoll minn barra, kemm rigward il-Block H in kwistjoni u block iehor"*** u kompla jghid *"kien importanti ghalija li l-fili jitkahhlu minn barra biex ir-rih ma jidholx taht il-membrane, li jiddistakkah u jaghmillu hsara, kif fil-fatt gara"*. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, ix-xoghol ta' tikhil ta' fili kellu jsir qabel ma jitqieghed il-*membrane* u mhux wara kif qieghed issa jipprova jargumenta f'paragrafu 7(d) tar-rikors ta' l-appell tieghu. Fl-istess seduta kompla jixhed li kien hu li wera lill-haddiem li kien qieghed jaghmel ix-xoghol fuq il-fili fejn kien mehtieg li jigi mkahhal. Ghaldaqstant, l-appellant kien jaf li f'dawk ic-cirkostanzi seta' jkun hemm penetrazzjoni ta' ilma jew ighaddi r-rih bejn il-fili miftuhin, li kien ifisser li ser issir hsara lill-*membrane,* tant hu hekk li l-garanzija kienet teskludi r-responsabbilta` f'dan il-kaz. F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, l-appaltant kellu l-obbligu li jizgura li dan ix-xoghol ikun lest qabel ma titqieghed il-*membrane*. Ix-xoghol, fi kliem l-appellant stess, kien jitlob li l-ewwel isir it-tikhil tal-fili u <u>wara</u> titqieghed il-*membrane*. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-appellant ma setax iwettaq xoghol sodisfacenti u skond is-sengha u l-arti, kif wara kollox huwa l-obbligu tieghu. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddikjarat li ladarba l-kuntrattur kien jaf li t-tikhil ma sarx kollu, *"ma kellux jipprocedi bix-xoghol,*

[6] Fol. 143.
[7] Fol. 123.

*izda jigbed l-attenzjoni tal-kommittent ghal dan id-difett u ma jipprestax xogholu qabel ma x-xoghol ta' tikhil isir sewwa"*.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssib assolutament xejn x'ticcensura fis-sentenza appellata, b'mod ghalhekk li qed tichad l-appell interpost minn Charles Azzopardi u tikkonferma dik is-sentenza. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------